MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2008

Numru. 7/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**Vs**
**Roderick Borg ta’ 22 sena, iben Domenic u Ann nee’ Farrugia, imwieled il-Pieta’ fl-24 ta’ Frar 1995 u residenti gewwa 99, Domann, Triq il-Hida, Kappara, San Gwann detentur tal-karta ta’l-identita’ 154685(M)**

**U**

**Saad Toildi ta’ 27 sena iben Mirudi u Latifa nee’ Hangri imwieled il-Marokk fil-21 ta’ Awissu 1980 u residenti gewwa Sundown Court Flat J 117, Triq ir-Russett, Kappara, San Gwann detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 25879(A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Roderick Borg u Saad Toildi akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' nhar il-15 ta' Frar 2007 ghal habta ta'l-10:00 ta' bil-lejl fi Triq ix-Xatt tas-Sliema u fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqeghdu il-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Alfred Galea, detentur tal-karta ta'l-identita' 403748(M), kif gie iccertifikat mit-tabib Dr. Chris Muscat MD Gzira Health Centre, u dana bi ksur ta'l-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli bil-lejl, volvontarjament kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(mm) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-3 ta' Jannar 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputati jinsabu akkuzati principalment illi volontarjament ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Galea, liema incident sehh gewwa ix-Xatt ta' Tas-Sliema (vicin l-istabbilimenti ta' Giorgio's u Misto) ghal habta tal-11 ta' fil-ghaxija fil-gurnata tal-15 ta' Frar 2007.

Illi f'dina il-kawza xehdu l-ufficjal prosekutur kif ukoll l-ufficjali tal-pulizija li mexxew l-investigazzjonijiet, il-vittma u it-tabib li irrilaxxa ic-certfikat mediku, kif ukoll nies ohra pajzana li kienu xhieda okulari meta sehh dana l-incident.

Illi mill-provi jidher illi l-vittma Alfred Galea, kien jinsab fil-post fejn sehh l-incident sabiex jipprova ibiegh xi oggetti li kellu fil-vettura tieghu. Ghalkemm fix-xhieda tieghu Galea isostni illi huwa beda jipprova ibiegh xi oggetti tal-hwejjeg lil-manager biss tal-Kaffeterija Giorgio, kemm ix-xhieda okulari u cioe' Patrick Portelli u Jeremy Castillo, kif ukoll l-imputati fl-istqarrija taghhom isostnu illi l-imputat beda jipprova ibiegh dawn l-affarijiet lilhom kif ukoll lil xi nies jew klijenti taz-zewg kaffeteriji cioe' Giorgio's u Misto fejn kienu impjegati l-imputati u dawn iz-zewg xhieda Castillo u Portelli. Jidher illi meta dawna bdew jirrifjutaw jixtru dawn l-affarijiet minn ghandu huwa beda jitlobhom isellfuh xi flus. Huma xorta wahda irrifjutaw, izda huwa baqa' jippersisti maghhom u jidher illi f'xi hin anke beda ihedded lill-imputat Roderick Borg illi kien ser igib xi sikkina ghalih. (ara xhieda ta' Patrick Portelli a fol.33 u ta' Jeremy Castillo a fol.37). Dawn ix-xhieda isostnu illi hawnhekk Galea telaq minn fuq il-post irrabbjat u mar lejn id-direzzjoni fejn kellu il-vettura ipparkeggjata vicin il-Magic Kiosk. Dawn iz-zewg xhieda jghidu inoltre illi fl-ebda mument huma ma raw lill-imputat Toildi qed ikellem lil Galea jew b'xi mod iehor jaggredieh. Ghar-rigward ta' Roderick Borg ighidu illi dana kellmu u wissieh sabiex jitlaq minn fuq il-post u sabiex ma ikompliex idejjaq lil-nies u isostnu illi meta Galea telaq minn fuq il-post huwa ma kellu l-ebda griehi jew dmija fuq wiccu. Isostnu illi wara li kien telaq minn hemm Galea ma regax irritorna.

Il-verzjoni moghtija minn Galea ma taqbilx ma' dak li ighidu dawn ix-xhieda. Fl-ewwel lok, il-vittma isostni illi dana l-incident sehh fis-sajf, meta mill-akkuza u mid-dokumenti kollha esebieti fl-atti processwali jirizulta illi dana l-incident sehh fi Frar tas-sena l-ohra. Huwa jinnega li beda idejjaq lin-nies sabiex ibieghhilhom xi oggetti u isostni li kien mar hemmhekk unikament sabiex ibiegh xi libsa lil manager. Huwa ighid illi meta dana il-manager irrifjuta li jixtri dina l-libsa huwa telaq 'l hemm bil-kwiet u mar fil-vettura tieghu. Jiftakar illi kellu it-tieqa tal-vettura miftuha u kif kien hemm bil-qieghda ghal kwiet irembel sigarett huwa sefa aggrediet minn erba' minn nies li isostni li kienu il-persuni ta'l-imputati kif ukoll ta' Castillo u Portelli. Ighid illi xi hadd minnhom tah daqqa ta' ponn

f'wiccu, imbaghad hares u sab erba' minn nies ituh bil-ponn fuq wiccu. Tnejn min dawn kienu l-imputati. Wiehed minn dawn l-erba min-nies ighid illi kellu hadida f'idejh pero ma bediex jaghtih biha. Huwa isostni illi kien identifika dawn l-erba minn nies gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema fil-presenza ta'l-ex Spettur tal-pulizija Romina Venziani.

Fix-xhieda  taghha l-ex spettur Veneziani isostni illi l-imputat ma setax jidentifika minn kienu dawn l-erba' min-nies meta ingiebu l-ghassa tal-pulizija, u kien biss wara insistenza min-naha taghha illi huwa identifika liz-zewg imputati u baqa' ighidilha illi ma kienx cert lanqas minnhom. Illi fix-xhieda ta' l-ispettur Arnaud, imbaghad, li fiz-zmien ta'l-incident kien is-surgent tal-pulizija li investiga dana il-kaz, jidher illi l-imputat kien identifika liz-zewg imputati, izda ghar-rigward ta' Jeremy Castillo, huwa qalilhom li ma kienx cert minn dina l-persuna u ghar-rigward ta' Patrick Portelli, huwa sostna illi dana ma kienx aggredieh.

Finalment meta wiehed iqabbel dina ix-xhieda tal-vittma Alfred Galea, mar-rapport illi huwa kien ghamel *a tempo vergine* gewwa l-ghassa (ara rapport Dokument CA4 a fol.27 et. seq.), dina l-verzjoni ma tirrispekkjax dak illi huwa xehed quddiem il-Qorti. F'dana ir-rapport huwa ighid illi kien qieghed jipprova ibiegh xi affarijiet lin-nies u meta dawna irrifjutaw huwa talab lil Jeremy Castillo sabiex iselfu Lm20 u dana irrifjuta. Jallega ukoll f'dana ir-rapport, illi wiehed mill-aggressuri tieghu attakkah b'*pipe*, izda fix-xhieda tieghu ighid illi ghakemm kellu *pipe* f'idejh, pero' dana ma uzahx fuqu.

Illi l-Qorti ghalhekk ghandha quddiemha verzjonijiet ghal kollox konfliggenti f'dina il-kawza. Anke ix-xhieda stess tal-vittma ma tixhetx dawl fuq id-dinamika ta'l-incident ghaliex fl-ewwel lok ighid illi dana l-incident sehh fis-sajf, imbaghad ikompli ighid illi huwa mar specifikatament sabiex ikellem lil manager ta' Giorgios meta fil-fatt jidher illi huwa kien qieghed fuq il-post sabiex jipprova ibiegh xi affarijiet bil-ghan li jigbor xi haga tal-flus u meta ma irnexxielux baqa' idejjaq lin-nies u finalment talab lil dawn

l-impjegati ta’ Giorgio’s u Misto isellfuh xi flus. Dawna irrifjutaw u bdew ikeccuh minn fuq il-post. Kien hawnhekk illi l-vittma telaq irrabbjat u mar lejn il-vettura tieghu. Minn hawnhekk ‘il quddiem imbaghad, mhuwiex cert dak illi fil-fatt sehh. Galea isostni illi kien meta kien bil-qieghda ghal kwiet wahdu fil-vettura illi l-imputati flimkien ma’ Castillo u Portelli aggredewh minghajr ebda raguni. Min-naha taghhom kemm Castillo, kif ukoll Portelli jikkontendu illi meta Galea telaq minn fuq il-post, huma flimkien mal-imputati baqghu fuq il-post tax-xoghol taghhom ghaliex kien wasal il-hin sabiex jaghlqu u li fl-ebda mument ma aggredew lil Galea u li Galea telaq minn fuq il-post minghajr griehi. Illi kieku stess Galea sefa aggredit minn dawn l-erba’ minn nies, huwa possibbli illi ma kien hemm l-ebda persuna presenti li marret biex twaqqaf lil dawn l-erba’ min-nies milli ikomplu bl-aggressjoni taghhom? Jidher illi fl-istabbilimenti ta’ Giorgios u Misto kien ghad hemm in-nies, oltre il-fatt illi dina l-allegata aggressjoni sehhet vicin il-Magic Kiosk fejn anke ikun hemm diversi xufiera tat-taxi bil-vetturi taghhom. Finalment anke ghar-rigward ta’l-identifikazzjoni ta’l-aggressuri tieghu, ghalkemm *a tempo vergine* jidher illi l-vittma ma kienx cert min kienu l-aggressuri tieghu, quddiem il-Qorti isostni illi lill-pulizija huwa kien indika lill-erba’ persuni kollha bhala in-nies li kienu aggredewh.

Finalment anke ghar-rigward  tal-griehi allegatement sofferti mill-vittma, ghandu jinghad illi ghalkemm fic-certfikat mediku esebit bhala Dokument CA3 a fol.21 tal-process, hemm imnizzel illi il-pazjent ghandu sfregju, fix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti jirrizulta illi l-griehi sofferti minn Galea ghar-rigward tal-qsim fix-xuftejn u il-gundalla kienu feriti ta’ natura hafifa u kien hemm dubbju biss ghar-rigward tal-griehi li kien hemm fis-snien, li jidher illi kienu jiccaqalu u li l-vittma ighid li ghadu isofri b’dana il-mankament sal-lum. Madanakollu l–ebda prova ma tressqet ghar-rigward ta’ dawn il-griehi u x’konsegwenzi seta’ sofra il-vittma.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputati ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghhom fid-dawl ta’ dana il-kunflitt fil-provi migjuba quddiemha.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza ta' natura kontravvenzjonali u cioe' dik a tenur ta'l-artikolu 338(mm), dina l-akkuza tirrizulta preskritta skond il-ligi u dana peress illi ghalkemm l-incident allegatament sehh fil-15 ta' Frar 2007, dawna l-proceduri gew intavolati biss fit-2 ta' Jannar 2008 u ghalhekk it-tlett xhur preskritti fl-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 kienu certament ghaddew.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara it-tieni akkuza preskritta skond il-ligi, tillibera lill-imputati mill-ewwel akkuza u dana fuq kunflitt ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------